MISTOQSIJA ORALI B' DIBATTITU O-0063/09
skond ir-Regola 108 tar-Regoli ta' Proċedura
minn Miroslav Ouzký f'isem il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel
lill-Kummissjoni

Suġġett: CSD 17

Mill-4 sal-14 ta' Mejju 2009, in-Nazzjonijiet Uniti se torganizza s-17-il sessjoni tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli. Is-17-il sessjoni ta' politika se tiffoka b'mod partikulari fuq l-Agrikultura, id-Deżertifikazzjoni u n-Nixfa, b'attenzjoni speċjali fuq l-Afrika. Dawn il-kwistjonijiet huma topiċi ħafna, b'mod partikulari f'dak li għandu x'jaqsam mal-adattament għall-bidla fil-klima.

X'inhi l-istrateġija tal-Kummissjoni għas-17-il sessjoni tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli tan-NU?

Il-Kummissjoni kif se jiżgura l-koerenza u l-kumplimentarjetà tal-proċess tal-Kummissjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli ma' ftehimiet multilaterali oħrajn dwar l-ambjent bħall-Konvenzjoni tan-NU għall-ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni u l-ħidma li saret taħt il-Konvenzjoni ta' Qafas tan-NU dwar il-Bidla fil-Klima u l-Protokoll ta' Kjoto tagħha, kif ukoll il-koperazzjoni fil-qafas tal-Alleanza Globali dwar il-Bidla fil-Klima?

Imressqa: 17.03.2009
Mibgħuta: 19.03.2009
Skadenza: 26.03.2009